**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

## Laqgħa Ġenerali Annwali 2013

**Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru, 2013 fid-9 ta' filgħodu.**

**Preżenti:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kunsill | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Silvio Vella | | Kunsillier |
| Uffiċjal | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Residenti | Is-Sur Anthony Azzopardi | | |
| | Is-Sur Lawrence Cefai | | |
| | Is-Sur Joe Vella | | |

**Aġenda:**

1. **Talba**
2. **Qari u approvazzjoni tal-minuti**
3. **Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**
4. **Rapport Amministrattiv**
5. **Estimi 2014**
6. **Pjan ta' Ħidma**
7. **Affarijiet oħra**

1 Il-laqgħa bdiet fid-9.05 ta' filgħodu.

***2. Qari u approvazzjoni tal-minuti***

2.1 Il-Minuti tal-laqgħa ġenerali preċedenti ttieħdu bħala moqrija u approvati.

***3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti.***

3.1 Ma kienx hemm affarijiet li tqajmu fuq il-minuti.

***4. Rapport Amministrattiv***

4.1 Is-Sindku qara ir-rapport amministrattiv.

4.2 *Rimarki*

4.2.1 Is-Sur Stephen Sultana qal li rigward il-każ tal-Pulizija fuq l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' qabel waqa' il-għaliex ma nstabux provi biżżejjed.

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

4.2.2 Klabb tal-Boċċi – Rigward il-każ mal-klabb tal-boċċi u li qiegħed f'idejn il-pulizija fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma, dan il-każ għadu mhux magħluq. Is-Sur Sultana informa lill- pubbliku li il-Kunsill Lokali approva ħlas ta' pagamenti pendenti li jammontaw madwar għal €1,800 li kien pendenti qabel ma ġara l-każ.

Is-Sindku talab għas-sospensjoni tal-Minuti sabiex jingħata spazju lill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Chris Farrugia biex jispjega l-Estimi finanzjarji għas-sena 2014.

## *5.* Estimi 2014

5.1 Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettall l-Estimi finanzjarja għas-sena 2014.
Fost punti li tqajmu kien hemm li il-Kunsill mhux ser juża il-fondi tal-UIF li għandu allokat għalissa minħabba li jixtieq jistenna jakkumulaw aktar u jkunu jistgħu jiġu fi proġett akbar.
Is-Sur Farrugia spjega wkoll kif il-*bulk* tal-allokazzjoni mil-Gvern tmur l-aktar fuq amministrazzjoni, bħal pagi u immaniggjar tal-uffiċċju, kif ukoll fuq *operations.*

5.2 Is-Sindku staqsa lil pubbliku preżenti jekk hemmx xi mistoqsijiet però t-tweġiba kienet fin-negattiv.

**Kontinwazzjoni tal-Minuti**

4.2.3 Is-Sindku tkellem fuq il-parking bil-ħin u qal li t-tabelli twaħħlu mil-Kunsill Lokali u mhux Trasport Malta dan għaliex ma nixtiequx nitfgħu iktar piż fuq ir-residenti ta' dawn it-toroq.
Bħala Kunsill kien approva zoni fejn jistgħu jiġu bil-parking bil-ħin issa irridu naraw li ma jkunx hemm xi abbużi.

4.2.4 Is-Sur Sultana tkellem fuq it-toroq u il-proġett *Public Private Partnership* fejn ix-xogħol fuq Misraħ il-Barrieri kellu jieqaf ħesrem. Dan għaliex meta, oriġinarjament, intbagħtu l-istimi mil-Kunsill dawn marru bi żmerċ għal b'aktar minn nofs. Flok l-istima ta' €595,000 intbagħtet stima ta' €260,000 u għaldaqstant il-Gvern ħareġ inqas flus minn kemm kien dovut. Oltre ix-xogħol ta' Triq l-Imsida kelli jisporġi għal Misraħ il-Barrieri.

4.2.5 Is-Sindku tkellem fuq Misraħ Santa Venera u qal li issa dan il-proġett wasal fid-90% biex jitlesta. Jonqos id-dawl mall-pedistall u għalhekk tqabbad Inġinier sabiex itina il-parir tiegħu. Jonqos li jsiru nagħmlu wkoll *waste bins* u *bins* tal-klieb.

Fuq dan il-proġett kellna kwistjoni wkoll fuq il-pavimentar mal-Kuntrattur fejn il-Perit iċċertifika dan il-pavimentar però wara lanqas biss xahrejn dan beda jitfarfar. Wara li kellna diversi laqgħat mal-Kuntrattur fuq il-post dan ammetta li seta' kellu xi taħlita mhux ta' kwalità għolja għalhekk ikkommetta ruħu li jibdel il-pavimentar il-ħażin u jiddepożita garanzija ta' aktar minn €50,000 għal sena.

Is-Sur Lawrence Cefai issuġġerixxa li il-*Parking Bays* flok ħomor isiru ta' lewn isfar għaliex mhux jidhru sewwa u semma wkoll il-problema tal-parking li filgħaxija qegħdin jipparkjaw fuq il-bankini u ser jirrovinaw il-pavimentar.

Is-Sindku qal li l-iskop tal-kulur aħmar sar biex jidher sewwa u fuq il-parking qal li ser inżidu l-infurzar billi inwaħħlu aktar tabelli.

4.2.6 Is-Sur Sultana qal li l-funtani ta' Ġnien Romeo Romano issewwew kif jixraqlu dan il-ġnien.

4.2.7 Is-Sur Sultana tkellem fuq proġett ta' *Youth Exchange* li kien applika għalih il-Kunsill ta' qabel. Dan il-proġett għandna kwistjoni fuqu mall-EUPA minħabba li kien ġie ddelegat il-*youth worker* Chris Micallef biex jaħdem fuq dan il-proġett huwa u l-Kunsill ma ddaħħal f'xejn. L-EUPA issa qegħdin jitolbu biex nieħdu over tal-proġett aħna però il-Kunsill qabel unanimament li ma nidħlux fih sakemm ikollna kollox ppreżentat bid-dettalji. Il-Fondi ta' dan il-proġett daħlu f'kont bankarju tas-Sur Chris Micallef u li hija proċedura ħażina għaliex suppost kellhom jidħlu fil-fondi tal-Kunsill biex jiġu amministrati b'mod trasparenti.

4.2.8 Is-Sindku tkellem fuq il-Park ta' Triq il-Ferrovija, ħdejn is-*St Philips Hospital* u qal li hemm il-permessi neċessarji lesti però irridu naraw jekk isirx dak il-proġett jew inkella naħdmu fuq tar-*roundabout* fuq l-Arc ta' Wignacourt.

4.2.9 Is-Sindku tkellem fuq il-*Financial Indicator* li s-sena l-oħra kien juri 90%. Hu spjega kif dan l-*indicator* kien għoli għaliex kien hemm kuntratti ma jaħdmux bħal tal-latrina, il-ġnien u oħrajn. Bħalissa dan l-*indicator* jinsab 56%.

4.2.10 Is-Sur Sultana qal li vis a vis il-*compactor* għandna l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinxtara. Qedgħin f'pożizzjoni wkoll li nixtru *jigger* u *van*.

## *6. Pjan ta' Ħidma*

6.1 Is-Sindku qara u spjega il-Pjan ta' Ħidma kif ukoll id-dekasteri tal-Kunsilliera.

6.2 Is-Sur Joe Vella qal li qiegħed ikun hemm konġestjoni ta' traffiku minħabba l-*Bus Stops* li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp u ieħor fi Strada Irjali ma Triq Braille hu jissuġġerixxi li jitneħħa wieħed minnhom. L-aktar li jintuża huwa dak ta' fejn in-naħa tal-eks HSBC.

Is-Sindku qal li għalissa ma jistax jitneħħa minħabba li hemm tbażwir fit-*traffic management* għalhekk l-ewwel irid jitranġa it-*traffic management*.

6.3 Is-Sur Lawrence Cefai tkellem u issuġġerixxa li fil-ġnien issir latrina.

## *7. Affarijiet oħra*

Is-Sur Joe Vella għamel numru ta' kummenti kif ġejjin:

- Beda biex feraħ lis-Sindku ta' xogħol li qiegħed jagħmel bħala *team*.
- L-*input* tajjeb li qiegħed isir minn naħa tal-għaqdiet tal-lokal ukoll.
- Rapport bozoz maqtugħin.
- Manutenzjoni tal-Ġnien Ġuże` Flores. Hemm 4 lampi maqtugħin ukoll.
- *Traffic Signs* maqlugħin u iffejdjati wkoll fi Triq Kukkanja ma Triq Carini u fi Triq Qormi minn Triq Carini *no Entry sign.*
- Ilma ħiereġ quddiem il-Kappella ta' San Ġużepp
- Karozzi pparkjati ħażin fi Triq il-Kanun għal Triq San Ġużepp. Hemm bżonn CCTV għaliex Pulizija u gwardjani ma jersqux. Hu issuġġerixxa wkoll li ssir mera.
- Għotjien tal-arbli niċċekjawhom kollha għaliex jekk iweġġa' xi ħadd jista' jfittixna.
- Din is-sena kampanja fuq l-indafa u riċiklaġġ.
- *Refreshing* tas-sinjali tat-toroq fi Triq San Pawl u Triq Braille.

Is-Sindku qal li dawn huma kummenti validi u ser jingħataw l-attenzjoni li jixraqilhom.

Il-laqgħa intemmet fil-11.30am.

Stephen Sultana
Sindku

f/Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv